MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tas-6 ta' Dicembru, 2005

Talba Numru. 1328/2005

**Maltacom p.l.c. C22334**

**Vs**

**Phonica Systems Limited C19112**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet il-hlas tas-somma ta' hames mija u hamsa w erbghin lira Maltin u wiehed u tletin centezmu (Lm545.31c) rapprezentanti servizzi tat-telefon bin-numri 21339447 u 21339468.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-socjeta' konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra n-Nota ta' Riduzzjoni pprezentata fit-18 ta' Novembru, 2005 li biha s-socjeta' attrici rriduciet it-talba ghal hames liri Maltin u wiehed u hamsin centezmu (Lm5.51c) stante pagament ta' hames mija u disgha u tletin lira Maltin u tmenin centezmu (Lm539.80c) fil-mori tal-kawza.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li s-socjeta' konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas is-somma ta' hames liri Maltin u wiehed u hamsin centezmu (Lm5.51c), bl-imghax kif mitlub. L-ispejjez huma a karigu tas-socjeta' konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------